

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Kwistjonijiet Tal-familja U Wirt](#) > [Wirt](#) > [Adattament Ta' Drittijiet In Rem](#) > [Italy](#)

## Adattament ta' drittijiet in rem



Il-kontenut ipprovdut minn



European Judicial Network  
(in civil and commercial matters)

### 1 Liema huma d-drittijiet in rem li jistgħu jkunu minn suċċessjoni skont il-liġi ta' dan l-Istat Membru?

Id-drittijiet *in rem* (*diritti reali*) li jistgħu jirriżultaw minn suċċessjoni (*suċċessione*) skont id-dritt Taljan huma kif ġej: proprjetà (*proprietà*), użufrutt (*usufrutto*), nuda proprjetà / sjieda (*nuda proprietà*), okkupazzjoni (*diritto di abitazione*), kiri fit-tul (*enfiteusi*), drittijiet tal-wiċċ (*superficie*) u servitù (*servitù*).

### 2 Dawn id-drittijiet in rem jiġu reġistrati f'reġistru tad-drittijiet fuq propjetà mobbli jew immobbli u jekk iva, din ir-reġistrazzjoni hija obligatorja? F'liema reġistru(i) jiġu reġistrati u x'inhuma r-rekwiżiti u l-proċedura ta' reġistrazzjoni?

Meta jkunu relatati ma' proprjetà immobbli (*beni immobili*), dawn id-drittijiet jiġu rreġistrati fir-reġistri tal-artijiet (*reġistri immobiliari*) u fil-katast (*catasto*) (żewġ bażijiet tad-*data* separati), bl-eċċezzjoni tas-servitù, li huma rreġistrati biss fir-reġistri tal-artijiet u mhux fil-katast. F'xi provinċji li qabel kienu parti mill-Imperu Awstro-Ungeriż (Bolzano, Gorizia, Trieste) u ftit oqsma oħra, id-drittijiet huma rreġistrati f'reġistru tal-artijiet separat (*libro fondiario*) u fil-katast aktar milli fir-reġistru prinċipali tal-artijiet (anke f'dawn il-każijiet, is-servitù mhumiex irreġistrati fil-katast).

### 3 Liema effetti huma marbuta mar-reġistrazzjoni tad-drittijiet in rem?

Ir-reġistrazzjoni tad-drittijiet *in rem* fuq proprjetà immobbli fir-reġistri tal-artijiet għandha, bil-liġi, l-effett li tagħmel id-drittijiet infurzabbli kontra terzi, filwaqt li għal żoni li fihom tapplika s-sistema separata tar-reġistru tal-artijiet, ir-reġistrazzjoni tindika l-akkwist ta' proprjetà.

### 4 Hemm regoli u proċeduri speċifiċi fis-seħħ għall-adattament ta' dritt in rem li għalih hija intitolata persuna skont il-liġi applikabbli għas-suċċessjonijiet f'każ li l-liġi tal-Istat Membru fejn jiġi invokat id-dritt ma jirrikonoxxi dan id-dritt in rem?

Le.

L-aħħar aġġornament: 06/11/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali ta' din il-paġna tinżamm mill-punt ta' kuntatt tan-NGE rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun

għadu ma jidhirx fit-traduzzjonijiet. La l-NĠE u lanqas il-Kummissjoni Ewropea ma jaċċettaw ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.